2 ta' Diċembru 2016
110/2016

## ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL IX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2016

Il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2016, fis-6:30 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Beatu Charles de Foucauld, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 3 ta' Diċembru, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-pussess tal-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa tal-Mosta.

Il-Ħadd 4 ta' Diċembru, fl-4:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adoloxxenti fil-Parroċċa ta' Ħal Lija.

It-Tnejn 5 ta' Diċembru, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-Iskola Nazzjonali tal-Isports, waqt żjara fl-iskola, f'Pembroke.

It-Tlieta 6 ta' Diċembru, fid-9:15 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa tal-Milied mal-istudenti tal-Iskejjel tal-Knisja u tal-Istat, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 10 ta' Diċembru, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa għall-familji, organizzata mill-Moviment ta' Kana u l-GRUFAN, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 11 ta' Diċembru, fit-8:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fit-taqsima tan-nisa fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Raħal Ġdid. Fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-pussess tal-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' Marsaxlokk.

Il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof Monsinjur Arċisqof imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-pussess tal-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tal-Fgura.

Is-Sibt 24 ta' Diċembru, fil-11:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi t-talba tal-Liturġija tas-Sigħat fil-Quddiesa ta' Nofsillejl fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 25 ta' Diċembru, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Stazzjonali fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 31 ta' Diċembru, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fi tmiem is-sena, bil-kant tat-Te Deum, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**